Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 67/2019

Il-Pulizija

(Spettur Ann Marie Xuereb)

Vs

David Paris

Illum 12 ta Dicembru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant David Paris detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 547157M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar t'April, 2016, u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. Bi hsieb li jwettaq frodi b'eghmil qarrieqi, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tar-reat ta' frodi b'eghmil qarrieqi, fejn b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda

b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ipprova jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta' aktar hamest mitt Euro (€500) izda mhux iktar minn hamest elef Euro (€5000) liema reat ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu;

b. Ghamel, ghadda, ipprovda jew offra li jipprovdi xi oggett meta kien jaf li dak l-oggett huwa intiz jew adattat biex jintuza fit-twettiq ta' jew f'konnessjoni ma' frodi, bl-intenzjoni li jintuza biex titwettaq frodi jew jassisti fl-eghmil ta' frodi;

c. Ikommetta reat/delitt li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li sar matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u datata 26 ta' Jannar, 2015;

d. Sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi gew decizi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Frar 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 41 (1) (a), 49, 308 u 310 (1) (c) tal-Kodici Kriminali, filwaqt li sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni, illiberatu mill-kumplament, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum. Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' David Paris, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Marzu 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza appellata

billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant gie lliberat mit-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza u tikkancellaha f'dik il-parti fejn il-Qorti sabet htija tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah minn kull htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant David Paris huwa s-segwenti u cioè:-

Illi b'mod preliminari kif intqal l-appellant gie akkuzat li huwa kkommetta frodi b'ghemil qarrieqi pero' minn analizi tac-citazzjoni ma gie msemmi had bhala allegat vittma. Referenza ssir ghall-artikolu 360 (2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fejn jelenka dak li jrid ikun fiha c-citazzjoni fosthom, il-'fatti tal-akkuza'. F'dan il-kaz stante li l-allegat vittma huwa prezenti biss fic-citazzjoni fin-nuqqas tieghu, l-esponenti jhoss li ma giex sodisfatt dan l-element fic-citazzjoni u allura l-appellant kellu jigi lliberat minn din l-akkuza. Di fatti jekk wiehed jara l-andament tal-kawza, wiehed jista' jassumi biss li prosekuzzjoni qieghda tirreferi ghal Philip Attard bhala l-vittma ghax dan qatt ma ghamel rapport mal-Pulizija ta' frodi jew li huwa kien sofra xi hsara minghand l-appellant;

Illi bla pregudizzju ghal dak li se jintqal aktar l-istess, jekk kellha tinstab xi forma ta' htija, zgur ma kinitx that l-artikolu 308 tal-Kap 9 u dan peress li jekk gie kommess xi reat l-prosekuzzjoni kellha takkuza lill-appellant jew bl-approprjazzjoni indebita that l-artiklu 293 tal-Kap 9 jew aktar bil-ksur tar-regolament 61 (c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499/09 fl-isfond tad-detami *Lex specialis derogate lex generalis*;

Illi l-esponenti jissottometti wkoll bl-akbar rispett u dan bla pregudizzju wkoll ghall-aggravji mressqa hawn fuq, li l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx issib lill-appellant hati ta' attentat ta' frodi jekk il-frodi skont hi kien digà kommess. Dan qed jintqal peress li dak li allegat il-prosekuzzjoni kien attentat ta' frodi. Il-Qorti tal-Magistrati però ma qablitx ma' dan u stqarret li **<u>jekk kien hemm ir-reat ta' frodi</u>** dan avvera ruhu mal-mument li c-cekk ta' hames mitt ewro ghadda minghand Philip Attard ghal idejn l-appellant. Fuq l-istess vena legalment isegwi li pero' l-istess Qorti qatt ma setghet issib lill-appellant hati ta' tentattiv ta' frodi jekk skont hi l-frodi kien digà mmaterjalizza

ruhu. Il-principju legali mhaddan mill-Qrati Nostrana dejjem kien li il-piu' comprende il meno u mhux bil-kontra;

Bla pregudizzju wkoll, il-Qorti tal-Magistrati qatt ma setghet b'mod ragonevoli u legali tasal ghas-sejbien ta' htija fuq l-ewwel akkuza u dan peress li l-intenzjoni tal-appellant, ossija l-element tad-dolo li ried iqarraq b'Philip Attard ma giex ippruvata;

Illi fil-mori tal-kawza gie ppruvat b'mod sufficjenti li l-appellant qatt ma talab l-ebda kumpens la sabiex l-istudenti juzaw is-simulator tieghu u lanqas ghall-ghajnuna li huwa kien qieghed jipprovdi lilhom. Il-kaz ta' Philip Attard ma kienx xi eccezzjoni ghal dan;

Illi l-aktar prova inkonfutabbli huwa l-pagament li sar permezz ta' cekk bankarju ta' hames mitt ewro (€500). Bl-ebda mod immaginabbli mal-Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni li dan ittiehed b'qerq. Anzi gie ppruvat li kors li ried japplika ghalih Attard kien jiswa ferm aktar minn dak li kien hallas. Gie ppruvat ukoll li d-dokumenti mghoddija minn l-appellant lil Philip Attard kienu wkoll genwini u gie ppruvat ukoll li l-applikazzjoni tal-awtorita' tat-trasport kienet il-formola li biha trid tapplika ghal dan il-kors. Ghalhekk kollox kien jindika li l-pagament kien se jintuza ghal dan il-kors. Ghalhekk kollox kien jindika li l-pagament kien se jintuza ghall-ghan li gie moghti. Kien biss minhabba li Attard talab lill-appellant sabiex iwaqqaf kollox, li l-appellant ma uzax dan il-pagament ghal dak li kien mistenni minnu li jaghmel;

Tant l-appellant ma kellux l-intenzjoni li jiffroda lil Attard li l-imsemmi cekk dam fil-pussess tieghu ghal aktar minn tliet gimghat minghajr tentattiv wiehed sabiex jigi msarraf. Il-verita' kienet li l-appellant kien qed jistenna lil Attard imur lura bid-dokument ta' Transport Malta sabiex japplikalu ghall-kors u meta Attard bidel il-hsieb, ma sab l-ebda xkiel sabiex jiehu c-cekk lura minghand l-appellant;

Illi dan ma hux l-agir ta' frodist. Min jiffroda ma jirritornax il-flus lura sakemmm ma jkunx irid jibbenefika minn xi tnaqqis fil-piena ladarba jinqabad. F'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda prova li l-appellant prova jaghmel xi tip ta' gwadan fuq dahar Attard u

tali zgur ma hux konformi mad-dolo ta' xi had li jrid jiffroda lil haddiehor. Di fatti l-investigazzjonijiet tal-Pulizija bdew fuq rikjesta li saret mid-Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili illi l-appellant kien qed jallega li huwa kaptan tal-Air Malta u mhux fuq frodi;

Tajjeb li jintqal ukoll f'dan l-istadju li l-gideb wahdu ma hux reat u li s-semplici gidba ma jammontax ghar-ragiri. Dan qed jintqal biss peress li n-nuqqas tal-appellanti li jghid li ma kienx kaptan jew forsi meta mistoqsi huwa qal li kien kaptan, dan il-fatt wahdu biss xorta ma jissodisfax l-elementi tal-artikolu 308. Il-fatt wahdu illi l-appellant seta' gideb ma jfissirx li huwa kkommetta frodi. Irid jigi ppruvat li l-gidba tal-appellant wasslet sabiex il-vittma sofriet telf patrimonjali. Dan fil-fehma umli tal-appellant ma giex ippruvat u dan peress li Attard ma sofra l-ebda telf partimonjali u c-cekk li huwa ta lill-appellant kien se jintuza ghall-ghan li huwa gie moghdi;

Finalment l-appellant isostni li fil-kamp kriminali l-principju legali sagrosant huwa dejjem dak ta' in dubio pro reo. Jidher pero' li l-Ewwel Qorti ma applikatx dan il-principju f'dan il-kaz ghax filwaqt li hija kkoncediet li l-appellant ghamel hafna gid mal-istudenti kollha li ttellghu jixhdu f'din il-kawza, ghajr ghall-allegat cekk in kwistjoni u rrizultax li l-appellant qatt talab xi flus lil dawn l-istudenti. Dan il-fatt wahdu kien bizzejjed li johloq dubju serju f'dan il-kaz li kellu ixekkel it-tezi tal-prosekuzzjoni. L-appellant seta' gideb pero' huwa ma gidibx sabiex jaghmel gwadan patrimonjali. Jekk gideb, huwa ma gidibx fuq l-ghajnuna li kien se jaghti lil Attard stante li l-ghajnuna kienet se tigi moghtija. Ir-rejita f'dan il-kaz kienet dubjuza.

Ikkunsidrat;

Illi in skont dak li jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Anne Marie Xuereb[1] dan il-kaz beda jigi investigat wara rapport li sar mid-Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili dwar li l-appellant kien qieghed jallega li huwa kaptan tal-Airmalta fejn kellu anke ritratti fuq il-pagna tieghu tal-facebook liebes uniformi ta' Kaptan tal-Airmalta u li kien hemm xi studenti li kienu ikkuntatjaw lil Transport Malta biex jistaqsu dwar il-kwalifiki tal-appellant sabiex jaghti tahrig lill-istudenti

[1] Quddiem l-Ewwel Qorti ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017)

biex jottjenu l-Private Pilot License. Irrizulta ukoll li certu Philip Attard kien anke ghadda cekk ta' hames mitt ewro (€500) lill-appellant bl-intiza biex jaghmel kors tal-Air Transport Pilot License (ATPL), liema cekk twaqqaf minn dan Attard wara li rrizulta li l-appellant mhux verament kien pilota. Irrizulta ukoll li numru ta' studenti kienu jmorru ghand l-appellant sabiex juzaw simulator li kien bena l-appellant izda ma rrizultax li l-appellant qatt talab flus sabiex studenti jaghmlu uzu minn dan is-simulator. L-Ewwel Qorti qieset li l-istqarrija rilaxxata mill-impuatat minghajr id-dritt li jkun assistit mill-legali tieghu ma ghandiex aktar valur probatorju, ghalhekk stante ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza, din il-Qorti mhijiex sejra tqis l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat.

Illi l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant u cioe' dak rigwardanti l-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gia gie deciz permezz ta' sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fit-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u ghalhekk din is-sentenza ser tkun limitata ghal kumplament tal-appell tal-appellant.

Skont l-appellant jekk kellha tinstab xi forma ta' htija zgur li ma kinitx taht l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 u dan peress li jekk gie kommess xi reat, il-prosekuzzjoni kellha takkuza lill-appellant jew bl-approprjazzjoni indebita taht l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew aktar bil-ksur tar-regolament 61(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499/09 fl-isfond tad-detami *Lex Specialis derogate lex generalis*. Din il-Qorti tibda biex tissotolinea li r-regolament 61(c) ma jezistix, dak li jezistu huwa r-regolament 61(1)(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.09 fejn ir-regolament 61(1) jaqra li '*No person shall with intent to deceive-*'

'(c) *make any false representation for the purpose of procuring for himself or any other person the grant, issue, renewal or variation of any such certificate, licence, approval, permission or exemption or other document, and in this subarticle a reference to a certificate, licence, approval, permission, exemption or other document includes a copy orpurported copy thereof.*'

Dan ir-regolament fil-fehma ta' din il-Qorti huwa inapplikabbli fix-xenarju in kwistjoni. In oltre' il-principju li *lex speciali deroga lex generalis* lanqas ma huwa applikabbli fl-ipotezi li jressaq l-appellant f'din il-parti tal-appell u cioe' li skontu japplika l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 u cioe' l-approprjazzjoni indebita. Dak li ghandha quddiem din il-Qorti hija akkuza ta' tentattiv ta' frodi u trid ghalhekk tikkunsidra jekk jirrizultawx l-elementi li jsawru r-reat. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell.

Ikkunsidrat;

L-appellant jissottometti ukoll li l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx issib lill-appellant hati ta' attentat ta' frodi jekk il-frodi skont il-Qorti kien diga kommess. Skont l-appellant ghalhekk il-Qorti ma seghtet qatt issib lill-appellant hati ta' tentattiv ta' frodi jekk skond hi, l-frodi kien diga immaterjalizza ruhu. Li l-principju legali mhaddan mill-Qrati nostrana dejjem kien li l-*piu comprende l meno* u mhux bil-kontra. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li l-Qorti ma setghetx issibu hati ta' tentattiv ta' frodi minkejja li skont l-istess Qorti il-frodi kien diga immaterjalizza. F'dan il-kaz partikolari l-appellant gie akkuzat  b'attentat ta' frodi, ghalkemm l-Ewwel Qorti qieset li '*Ghall kull buon fini jinghad li l-frodi avverat ruhha mal-mument li c-cheque ghadda fil-pussess ta' Paris, minkejja li l-prosekuzzjoni ghazlet li takkuza lill-imputat bit-tentattiv tieghu biss. Fil-konfront tal-persuni l-ohra, Sciberras u Borg, ma jirrizulta ebda tentattiv. Fl-ahjar ipotezi ghall-prosekuzzjoni l-ghemil tal-imputat kien jinkwadra biss f'atti preparatorji.*' Ghalhekk ghalkemm il-Qorti qieset li mhux biss kien hemm it-tentattiv izda li filfatt skont l-Ewwel Qorti il-frodi gie kommess, il-Qorti sabitu hati ta' tentattiv ta' frodi tant li fil-parti dispositțiva l-Ewwel Qorti iccitat l-artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali apparti l-artikolu 49, l-artikolu 308 u l-artikolu 310(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk f'kaz li l-Qorti hasset li r-reat ta' frodi gie kommess minkejja li kien akkuzat biss bit-tentattiv tar-reat, l-appellant kien ikollu ragun peress li *ai termini* tal-kuncett il-*piu comprende l meno,* jekk l-appellant kien akkuzat bi frodi setghet issibu hati ta' frodi jew tat-tentattiv. F'dan il-kaz peress li kien akkuzat bit-tentattiv tar-reat, il-Qorti setghet issibu hati biss tat-tentattiv u mhux li sehh ir-reat. Ghalhekk f'dan il-kaz minkejja li l-Qorti hasset li kien hemm aktar minn tentattiv tant li qieset li l-frodi kien diga immaterjalizza ruhu, sabet htija ta' dak li gie akkuzat bih l-appellant u cioe' dak ta' attentat ta' frodi. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi michud ukoll.

Ikkunsidrat;

L-appellant jissottometti li l-Qorti qatt ma setghet b'mod ragonevoli u legali tasal ghas-sejbin ta' htija fuq l-ewwel akkuza u dan peress li l-intenzjoni ta' l-appellant ossia l-element tad-*dolo* li ried iqarraq b'Philip Attard ma gietx ippruvata. Li skont l-appellant fil-mori tal-kawza gie ippruvat b'mod sufficienti li l-appellant qatt ma talab l-ebda kumpens la sabiex l-istudenti juzaw is-simulator tieghu u lanqas ghal ghajnuna li huwa kien qieghed jipprovdi lilhom u li l-

kaz ta' Philip Attard ma kienx xi eccezzjoni ghal dan. Li skont l-appellant l-aktar prova inkonfutabbli huwa l-pagament li sar permezz ta' cekk bankarju ta' hames mitt ewro (€500). Issottometta li bl-ebda mod immaginabbli mal-Qorti setghet tasal ghal konkluzjoni li dan ittiehed b'qerq. Li gie ippruvat li kors li ried japplika ghalih Attard kien jiswa ferm aktar minn dak li kien hallas. Skont l-appellant gie pruvat ukoll li l-applikazzjoni tal-Awtorita tat-Trasport kienet l-formola li biha trid tapplika ghal dan il-kors. Li kollox kien jindika li l-pagament kien se jintuza ghall-ghan li gie moghti u li kien minhabba li Attard talab lill-appellant sabiex iwaqqaf kollox li l-appellant ma uzax dan il-pagament ghal dak li kien mistenni minnu li jaghmel. L-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar in-nuqqas ta' intenzjoni li jiffroda tant li zamm ic-cekk ghandu ghal aktar minn tlett gimghat minghajr tentattiv wiehed sabiex jigi imsarraf. Fost sottomissjonijiet ohra, jissottometti li l-investigazzjonijiet tal-pulizija bdew fuq rikjesta li saret mid-Direttur Generali tal-Avjazzjoni Civili illi l-appellant kien qed jallega li huwa kaptan tal-Airmalta u mhux fuq frodi. Li l-gideb wahdu ma hux reat u li s-semplici gidba ma jammontax ghar-ragiri. Li jrid jigi ippruvat li l-gidba tal-appellant waslet sabiex il-vittma sofriet telf patrimonjali. L-appellant jaghmel sottomissjonijiet dwar il-principju legali sagrosant u cioe' dak ta' *in dubio pro reo*.

Din il-Qorti tibda biex tikkunsidra li ma hemmx dubju mill-provi prodotti li l-appellant kien ihobb jaghti x'jifhem li huwa pilota jew kaptan. Dan gie kkonfermat kemm mill-provi dokumentarji u anke *viva voce*. Dan huwa kkonfermat per ezempji mill-messaggi u cioe' chats fuq il-facebook bejn Philip Attard u l-appellant fejn meta l-appellant mistoqsi '*Are you a pilot if I may ask*?' wiegeb '*Yes...*' Wiehed jinnota li f'din il-korrispondenza Philip Attard f'xi istanzi jindirizza lill-appellant bhala '*Cpt*' u l-appellant fl-ebda hin ma jghidlu li mhuwiex kaptan jew pilota. Mir-relazzjoni mmarkata bhala Dok MS a fol 207 et sequitur u cioe' rapport ta' PC 1275 Matthew Sacco fejn permezz tieghu giet ippreservata l-pagna tal-facebook tal-appellant huwa evidenti li l-avjazzjoni hija ghal qalb l-appellant u li setgha ta' x'jifhem li huwa pilota. Philip Attard fix-xhieda tieghu tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) ghalkemm ikkonferma l-konverzazzjoni li kellu mal-appellant fuq messenger a fol 45 et sequitur meta mistoqsi '*Ghaliex ghidtli Kaptan ma airline? X'gieghlek tahseb hekk?*' wiegeb '*Fir-ritratti qieghed juri illi qieghed bl-epiletti wkoll.*' Spjega '*Liebes ta' jigifieri pilot.*' Meta mistoqsi '*Pero' hu kkonferma mieghek li kien pilot?*' wiegeb '*Ma niftakarx ezatt jekk ikkonfermax jew le. Pero' assumejt jiena.*' Xehed li '*anke d-diskors kien juri li kien pilot*'. Jispjega li '*Anke mill-kliem tekniku u hekk. Jigifieri hu tekniku*

*hafna. Jigifieri l-kliem li uza jigifieri kien,*' Jghid li '*Tahseb li hu pilot.*' In kontro-ezami jghid li '*Qatt ma qalli li hu kaptan bil-licenzja u jista' jghallem. Qatt ma qalli. Jien assumejtha dik.*' Minkejja li Philip Attard fix-xhieda tieghu ma kienx cert jekk l-appellant qallux jekk kienx pilota jew le, jirrizulta fil-konverzazzjoni li kellu mal-appellant f'chat facebook li Philip Attard kien saqsa l-appellant jekk kienx pilota u l-appellant kien wiegeb fl-affermattiv.

Ghalkemm Stephen Borg qatt ma hallas lill-appellant u l-appellant qatt ma talbu flus, Stephen Borg fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed li '*Lili qalli li kien jaħdem Air Malta.*' Ikkonferma li '*Lili qalli f'wiċċi li jaħdem Air Malta.*' Mistoqsi bhala xiex jahdem l-Air Malta wiegeb li '*Bħala Kaptan.*' Wiegeb fl-affermattiv meta mistoqsi '*Jiġifieri qallek li hu Kaptan mal-Airmalta?*' Meta rega xehed in ri-ezami fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li ***<u>'Qalli li kien pilot tal-Airmalta</u>***'. (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Kyle Sciberras li xehed ukoll fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li '*kont iltqajt miegħu emm minn ħabib ta' ħabib tan-nannu bażikament. Emm kien qalli li hu, David hu xi pilota u li għandu xi simulator id-dar li emm jista'*.' Li jista' jghinu fl-istadju. Meta mistoqsi '*Kif kien ippreżenta ruħu miegħek pero' David Paris?*' wiegeb '*Emm kien **<u>qalli li huwa pilota mal-Airmalta</u>**.*' u li '*wara ftit żmien ovvjament emm kellimt, ġew xi nies approwċjawni li mhux, sirt naf li mhuwiex pilota, emm ovvjament it sets you back, emm jien intfajt naqra lura pero' ifhimni jien at the end of the day kif għidtlek kont immur nipprova s-smulator jiġifieri ma tantx kien jinteressani fil-verita'*.' Filfatt meta mistoqsi '*Lilu qatt għidtlu illi sirt taf li ma kienx pilota tal-Airmalta?*' wiegeb '*Le, ma jidhirliex, għax kont naf li jekk ngħidlu probabbli iwaqqafni milli mmur fuq is-simulator u kien jogħġobni wisq is-simulator jiġifieri.*' Jeremy Tan li xehed fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li kien iltaqa mal-appellant fl-ufficini taghhom ta' Diamond Aviation, Diamond Flight School fejn jghid li l-appellant '*came to our offices advising a student of ours.*' Spjega li l-genituri introducuh bhala kaptan, fi kliemu '*He was introduced to me as a Captain, and his parents were very proud of that fact.*' Dawn kienu l-genituri ta' Kyle Sciberras. Ikkonferma li ltaqa mieghu f'dik l-okkazzjoni biss '*To follow on the meeting obviously as a Captain and all that experience I gave him the respect that he deserved given the impression that he was. During the course of the meeting I got a little bit suspicious because in certain things that were mentioned about training...*' Spjega li '*he has a home built simulator I believe to which he boasts that he instructs students on it. I was already a little bit weary because most Captains they will not have a simulator they will have an aircraft*

*or flying light aircraft, so as the discussions went on about the training he mentioned certain things which well I got a little bit suspicious, such as, it is just an example of training. It won't matter to you but the basis is like teaching a child to run before they walk.'* Spjega li '*he gives the impression that he is an Air Malta pilot or employed by Air Malta.*' Sarah Zarb CEO tal-European Pilot Academy meta xehdet in ri-ezami fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) meta mistoqsija '*Kif kien jipprezenta ruhu maghkom*?' wiegbet '*Hadt l-impressjoni li hu pilot, pero' ma nafx hux veru jew le*' hadet l-impressjoni minn kif kien jitkellem, ma tiftakarx jekk qatt qalilha.

Meta xehed l-imputat fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) mistoqsi ghalfejn kien jghin lil dawn l-istudenti wiegeb '*It's love, because inhoss li jiena bhalma tkellimna jiena fil-bagalja tieghi hawnhekk kieku jiena ridt nidhol Kaptan jew insir Kaptan through in-nomina tal-papa' tieghi kont nidhol Kaptan, kont naghmel l-ezamijiet u nidhol Kaptan u nsir. M'ghandiex ghalfejn noqghod nghid li jiena Kaptan kieku ridt hadtha.*' Mistoqsi '*Hawnhekk kien hawn xi student illi xehed li inti jipprezentajt ruhek bhala Kaptan tal-Airmalta xi trid tghid, x'ghandek xi tghid fuq din?*' wiegeb '*Jien nghid illi minn fommi dak il-kliem qatt ma ntqal. Jekk rawni forsi liebes b'xi beritta.*' Dwar ritratt fuq facebook fejn huwa liebes uniformi ta' kaptan wiegeb li '*Dak mehud Heathrow Airport sitt (6) snin ilu. Kull sena peress li ahna s-simulator hemm Kumpanija fejn niltaqghu online biex taghti bhala tower instructor waqt li qed juzaw is-Sims, issir show li hija din fejn nigu mistiedna biex nitilghu l-Ingilterra nilbsu ta' Piloti u jigu n-nies bhala show tal-Air show l-istess haga u nhaddmu s-simulators and try to sell equipment tas-simulators.*' Spjega li liebes penzijiet ta' kaptan '*Ghax fix-show li ghamilna bhal Air show u hekk tas-Sim l-Ingilterra li jiena membru maghhom iqassmuna inti Kaptan, inti First Officers biex nidhlu f'ghaxar (10) simulators and we give show to the people*.' Ikkonferma li jkunu qeghdin jirrextaw. Huwa kkonferma li mhuwiex pilota u lanqas kaptan. Mistoqsi b'referenza ghal fol 51 u cioe' korrispondenza ma' Philip Attard ghalfejn qed jirreferi ghalih bhal captain wiegeb li '*Hu kitibha CPT ma ktibtiex jiena. Hu ghajjatli Kaptan, ma nafx ghalfejn ghajjatli Kaptan lili.*' Mistoqsi '*Tista' tispjegaha dik ghalfejn?*' wiegeb '*Ma nafx, ma nistax nispjegaha ghaliex ghajjatli bhala Kaptan. Il-karti li jipprezentajt minn student ohra jghiduli Sur Paris.*' In kontro-ezami izda meta mistoqsi '*Jigifieri tikkonferma li lill-Philip Attard inti ghidtlu hawnhekk meta staqsiek are you a Pilot if I may ask inti irrispondejtu yes.*' u wiegeb '*Ok, yes*.' Mistoqsi '*Ghalfejn ghidtlu yes jekk ma kontx Pilot imma? Spjegali din*.' wiegeb '*Ma nistax nispjegaha, ma nafx x'ser naqbadt nghidlek.*'

Ghalhekk ma hemmx dubju li l-appellant ghal xi raguni jew ohra kien qieghed jipprezenta ruhu bhala kaptan jew pilota minkejja li ma kienx. Dan mhuwiex bizzejjed biex jissusisti r-reat. Dak li jrid jirrizulta huwa li dan sar sabiex l-appellant jaghmel profitt u cioe' biex jikkommetti frodi. Din il-Qorti sejra ghalhekk tiffoka primarjament fuq ix-xhieda ta' Philip Attard, tal-appellant kif ukoll il-provi dokumentarji prezentati. Philip Attard fix-xhieda tieghu tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed li ghandu l-licenzja li tissejjah PPL u cioe' Private Pilot license. Spjega li gie kuntatjat minn David Paris fuq il-media socjali fuq il-facebook fejn talbu sabiex izidu bhala habib tieghu. Dan ix-xhud staqsieh min hu u qallu li kien fuq il-lista tieghu ta' piloti u li ghandu simulator li xtaq li jurihuli. Spjega fost affarijiet ohra li '*Jiena minn naha tieghu tlabtu u saqsejtu jekk kienx qed jaghti courses biex inkompli fil-karriera tieghi bhala pilot u saqsini, u qalli li kellu jahsibha u jghidli, itini risposta peress li kelli zmien iktar minn student normali. Gie lura xi jumejn wara u talabni, qalli li fil-fatt kien se jaccettani fl-iskola tieghu u talabni l-prezz ta' elf u hames mija (€1,500). Jiena ftiehemt mieghu, mort ghandu u mlejt xi formoli wkoll u qalli li kien lest li jibda jtini dan il-kors li jissejjah ATPL, Airline Transport Pilot License. Tani xi handouts. Dan il-kors jikkonsisti xi erbatax (14)-il suggett u tani xi handouts minn suggetti differenti. Fil-fatt qisni gejt daqsxejn bejn haltejt jekk kienx genwin din il-persuna wara jigifieri.*'

Philip Attard spjega li kellu suspett u kellu habib kaptan jahdem mal-AirMalta u staqsieh kienx jaf lis-Sur Paris u rrisponda fi-negattiv. Baqa jahseb fuqha din il-bicca tax-xoghol u kellem lil Nigel Dunanly li kien fil-fatt l-instructor tieghu wkoll u kien qallu biex jibghatlu email bl-informazzjoni u minn hemm spicca quddiem l-Ispettur biex jaghti statement tieghu. Spjega li l-kors kien jiswa hafna iktar minn elf u hames mitt ewro (€1500), spjega li ma qallux li jaghti dawn il-courses mal-ewwel, avvicinah u qallu jaghtix dawn il-courses. Spjega li kien hallas hames mitt ewro (€500) permezz ta' cekk li ma ssarrafx mill-ewwel u kien filfatt ikkancellah. Cempel lis-sur Paris u qallu li l-intenzjonijiet tieghu li jkompli l-kors kienu spiccaw, u mar tah il-file. Meta mistoqsi '*Il-kors kien qallek fejn kellu jsir?*' wiegeb '*Ma niftakarx, imma ma jidhirlix.*' Mistoqsi '*Il-lectures tal-kors min kellu jtihom?*' wiegeb '*Ma qallix lanqas.*' Bhala formoli mela ta' Transport Malta biex wiehed ikun jista' japplika ghall-ezamijiet tal-ATPL. Mistoqsi jekk qallux x'kien ha jaghmel bihom dawn il-formoli wiegeb li '*assumejt li kellu japplika*'. Jigifieri japplika ghall-ezamijiet. Li sa fejn jaf hu l-ewwel trid tlesti l-istudju qabel ma tapplika ghall-ezamijiet. Fehem li l-applikazzjonijiet kien ha jdahhalhom l-appellant. Ma jafx jekk kellux idahlu ma studenti ohrajn izda jekk mhux sejjer zball qallu li kien se jdahhlu ma studenti ohrajn. Spjega

ukoll li '*Bhala hlas fuq is-simulator qatt ma offrejt pero' jiifieri kont jiena li avvicinajtu biex ghidtlu jekk jofrix courses ta' ATPL ghax tassumi li dan Kaptan jigifieri ma airline, taf int, mohhok mill-ewwel, l-intiution tieghek mill-ewwel tmur illi.*' In kontro-ezami spjega li kull ezami jiswa fuq hamsa u erbghin ewro (€45). Jghid li jlahhaq elf u hames mitt ewro (€1500) zgur. Bhala initial fee ma kienx jaf kemm kienet. Ghaddew bejn gimghatejn u tlett gimghat meta tah ic-cekk u iddecieda li jwaqqfu. Mistoqsi '*U naqblu li s-sur Paris qatt ma qallek illi l-lectures ha jsiru fl-appartament tieghu jew?*' wiegeb '*Iva.*' U mistoqsi '*Inti saqsejt fejn ha jsiru dawn il-lectures?*' wiegeb li ma jiftakarx, qal li '*kien qalli li kien bena xi skola u jista' jkun assumejt li se jsiru hemmhekk*' *izda ma saqsiehx*. Xehed li '*Qatt ma qalli li hu kaptan bil-licenzja u jista' jghallem. Qatt ma qalli. Jien assumejtha dik.*' Ikkonferma li biex tkun pilot trid tkun licenzjat ghalkemm ikkonferma li biex tkun kapaci ittajjar ajruplan ma hemmx ghalfejn tkun pilot bil-licenzja. In ri-ezami ma ftakarx jekk semmilux l-akkademja fejn kellu jkun il-kors, xehed li '*Qalli li kien se jdahhalni mal-istudenti l-ohrajn. Jekk m' inix sejjer zball ha naghmlu hekk.*' Ma qallux min qed jorganizzah dan il-kors.

Meta Philip Attard rega xehed in kontro-ezami fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) ikkonferma li l-appellant kien talbu elf u hames mitt ewro (€1500) jekk mhux sejjer zball. Kien cempillu biex qallu li mhux se jkompli jitlob l-ghajnuna tal-appellant. Bhala raguni dan ix-xhud kien qallu li '*għandi tifel bi problemi speċjali, b'disabilita', u ma stajtx inkompli l-kors minħabba f'hekk.*' L-appellant qallu biex jaghtih ic-cekk u jaghtih il-karti. Meta mar ghac-cekk ma kienx hemm u jghid li hadd iehor tah ic-cekk u ix-xhud tah il-file lura. Ic-cekk kien ta' elf u hames mitt ewro (€1500)[2]. Ic-cekk qatt ma kien ipprova jsarfu. Meta xehed l-appellant fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) senjatament dwar dan il-kors spjega li '*ghamel kuntatt mieghi u xtaq illi ikompli jistudja l-ATPL, hu kien qal li diga' ghamel l-ezami tal-PPL, ghidtlu ok. Staqsejtu kemm ghandu zmien kien over thirty (30) years old, ghidtlu nara x'nista' nirrangalek mal-Iskola a package biex taghmel l-ezami tal-ATPL and get back to me. In the meantime gimgha wara gie ghandi, tkellimna fid-dar tieghi ghidtlu lesti li jaccettawk, ghidtlu ha ntik dokumenti tal-European Pilot Academy form biex timliha, tajtu kopji tat-Transport Malta biex jimlihom, tlabtu biex igib zewgt (2) ritratti u l-medical certificate jekk ghadux valid ghax dak kull sena trid iggeddu u tlabtu li jrid ihallas five hundred Euros (€500) registration fee ghal European Pilot Academy u tani cekk ta' five hundred Euros*

[2] Ghalkemm dan ix-xhud f'din is-seduta in kontro-ezami xehed li c-cekk kien ta' elf u hames mitt ewro (€1500) , din il-Qorti qieghda tifhem li dan huwa lapsus da parti tax-xhud u li skont ix-xhieda aktar kmieni ta' Philip Attard u anke tal-appellant, ic-cekk li dan ix-xhud ghadda lill-appellant kien ta' hames mitt ewro (€500).

*(€500).*' Xehed li '*Il-five hundred Euros (€500) kif Mr. dana kien ha jtinni l-formoli biex nghaddihomlu nghaddihom mad-dokumenti lil European Pilot Academy. Hemmhekk jinfetah account u tohroglu dik li jghidulha l-acceptance letter tal-Iskola.*' Jghid li mhux l-ewwel darba li ghamilha u prezenta d-dokumentazzjoni li tinsab a fol 394 et sequitur.

Meta mistoqsi jekk il-pagament ta' hames mitt ewro (€500) kinitx is-somma finali tal-istudju tieghu wiegeb '*No, no l-five hundred Euros (€500) kienet kif dik kif iggibli l-formola, ir-registration nimla ismu u kunjomu u ta' Transport Malta napplika u nattacja l-five hundred Euros (€500), intihom lil European Pilot Academy biex jirregistrawh u johorgulu l-acceptance letter bhal dawn.*' Spjega li '*Philip Attard wara xi eight (8) days ikkuntatjani u qalli jiena m'iniex ser inkompli l-procedura.*' Kien japplikalu mal-European Pilot Academy. Cahad li ha l-flus ghalih biex jghinu. Jghid li '*jiena tajtu xi dokumenti personali ghax biex tibda l-iskola jaghtuk printouts u jiena kelli l-originali tal-Oxford u tajthomlu biex jibda l-kors biex ma joqghodx jahli hafna flus. Sabha difficli, bdiet hekk, sabha difficli ghaliex jiena bdejtu tajtu tal-metrology u ma tajtux aviation dokumenti.*' Meta mistoqsi '*Inti taghti xi kors fl-Airline Transport Pilot License*?' wiegeb '*No.*' Qatt ma ta. Mistoqsi '*Allura ghaliex Philip Attard ghandu jghid hekk*?' spjega li '*Philip Attard u lis-studenti kollha li xehdu, xehdu li qed jitghallmu gol-European Pilot Academy jigifieri jiena qatt ma tajt courses.*' Jghid li qal lil Attard biex igib zewg ritratti, medical test u hames mitt ewro (€500) biex japplikalu kif jaghmel ma studenti ohra. Jghid li Philip Attard gie halla d-dokumenti u ma hax ic-cekk lura u l-appellant qattghu. Spjega li ma ghandux skola, li s-simulator qieghed id-dar bhala '*my personal accomodation. L-iskola rrid infisser jiena il-European Pilot Academy.*' Jghid li Philip Attard jaf ghax kien diga' ghamel il-PPL mal-European Pilot Academy u fl-istess skola kien ha jerga jdahhlu biex ikompli minn hemmhekk. Mistoqsi ghandux arrangament mal-iskola wiegeb li '*L-uniku arrangament li ghandi, ghandi d-dokumenti hawn li jinfurmawni jekk student imur dirett il-European Pilot Academy he has to pay the full package. Jekk ikolli jiena hbieb bir-rispett li ghandhom lejja u lejn il-familja tieghi kienu jtunni package nghidilhom isma dawn tista' perkasu u ghandi dokumenti fejn jghid.*' Jghid li '*L-Academy jghidli isma' mela iccargjah perkasu six hundred (600) flok eight hundred (800), flok nine hundred (900).*' Jghid li kellu konnessjoni mal-iskejjel kollha.

In kontro-ezami saritlu referenza ghal fol 55 fejn l-appellant kien qal lil Philip Attard fost affarijiet ohra skont kif qara l-ufficjal prosekutur '*Hi after some thinking I have decided to take you in. I am very tied with students and their paper works but I think we managed to cope. It will be slightly difference story to me as of age difference but I am going to treat you like one of the others were I have to*

*upper my voice as sometimes they don't listen same goes with you as I push for work to be done etc...*[3]' Mistoqsi jekk jikkonfermax dan kollu li kitiblu wiegeb '*Dik l-email yes*'[4].. Spjega li '*ngholli lehni gieli ghollejt lehni waqt il-function ta-simulators.*' Jghid li '*jien qed intik l-opportunita' u tigi tkissirli. Kelli hafna spejjez...*' Jghid li irrefera ghall-ezami tal-ATPL u li l-ezami jittiehed l-iskola mhux ghandu.

Fil-korrispondenza li tinsab a fol 39 fejn Nigel Dunkerley minn Transport Malta f'ittra eletronika indirizzzata lil certu Noel datata s-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn tidher li giet mibghuta lil numru ta' nies, fost dettalji ohra dwar li qallu Philip Attard qal ukoll li '*my worst fears became reality when Mr. Philip Attard admitted hat he gave Capt. Paris a deposit of in order to apply for the Distance Learning Module for the ATPL (A) course.*' Meta xehed Nigel Dunkerly flight inspector, General Aviation, Civil Aviation Directorate ta' Transport Malta fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa fost affarijeit ohra xehed li '*meta spjegalna li dan is-sur Philip Attard mar ghal dan il-post tas-sur David Paris u ra xi simulator tal-ajruplan u tah il-fehma li hu qieghed jew ingaggat jew jahdem ma xi kumpanija u hu xi bdot, hu qallu li jista' japplika ghal xi korsijiet mieghu...*' Meta mistoqsi '*Issa dan il-bdot li kien cempillek Philip Attard, kien qallek x'tip ta' kors?*' wiegeb '*Hu qalli li kien hallas deposit b'cekk ghal Air Transport Pilot Licence, Theoritical Knowledge Course.*' Fic-chat ta' bejn l-appellant u Philip Attard prezentata senjatament a fol 57 tal-process, Philip Attard staqsa '*Hi Cpt. Thanks for the exellent demonstration of your simulator. I was thrilled! Please don't forget to check about the ATPL as time is important for me since I am 38...*' u l-appellant wiegeb '*It's no problem, I'm glad you enjoyed, I will try to put you in, will inf you by the end of this week, **<u>give you details what we start with</u>** etc, also I will be informing the company, reg your request, and await for their feed back if we get a request for application with them, after finished your test next year...*' Jirrizulta messagg iehor fejn l-appellant jghid '*Hi, After some thinking, **<u>I have decided to take you in</u>**, I am very tied with students, and their paper work, but I think we manage to cope it will be slightly different story to me, as of age difference**<u>, but I am going to treat you like one of the others, were I have to upper my voice, as sometimes they don't listen</u>**, same goes with you, as I push for work to be done etc, what we need to sort out is your **<u>days of attendance</u>**, since you have work and family, most of the sections, are about*

[3] Fost kliem iehor, il-messagg a fol 55 jaqra ''*Hi after some thinking, I have decided to take you in, I am very tied with students and their paper work, but I think we manage to cope. It will be slightly different story to me as of age difference, but I am going to treat you like one of the others, were I have to upper my voice as sometimes they don't listen same goes with you as I push for work to be done etc...*'

[4] Din il-Qorti tissottolinea li din ma kinitx email izda chat fuq messenger ta' facebook.

*1hour half, when teaching on computer, for simulation, we always need 3 hours, As regarding documents of every section, such as Pilot Law, navigation etc, we provide those, during the computer lesson on hydronic system, Fuel, etc* ***you will be taking notes, as they will come up for exam, I usually lead by saying .... make a note of this, knowing exams questions****. If we can make this in this coming year, we will do ATPL, instrument rating on sim, Cpl and MCC. After this I will book you on a flight to experience the real thing, I will provide you with Transport Malta Doc to fill up, and register that you have taken the course, which I will also need two photo passport size*

*From our side, as expense, we will be charging 500 euros, to register you, sections, sim, and Goverent fees after six months, you will pay, 300 euros and in the end of the year another 500 euros for the last sections of CPL, instrment rating, MCC.*

***I have given you the best package****, since you are so determined, to do this course, we will talk tom...*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Ghalhekk hemm bahar jaqsam bejn dak li l-appellant prova jaghti x'jifhem waqt ix-xhieda tieghu u cioe' li huwa kien biss bhal tip ta' intermedjarju bejn l-iskola u Philip Attard fejn sehmu kien sabiex igiblu pakkett vantagguz mill-iskola tal-piloti komparat mal-verzjoni li xhieda taghha huma l-messaggi li l-appellant bat lix-xhud tramite facebook u cioe' li ta x'jifhem li l-lezzzjonijiet kien se jaghtihom hu tant li qal li jgholli lehnu mal-istudenti u li sahansitra sejjer anke jaghtih hjiel tal-mistoqsijiet tal-ezami. Dan huwa anke kkonfermat mill-messagg fejn jghid li ***'I teach in a way, that you will absorb thingss quicker****, I will prepare doc tomorrow, and studies, and I will contact you.*'

Ikkunsidrat;

L-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerqieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor,jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwarxi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, metajinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs George Debono ta' 49 sena, bin il-mejjet Mario u l-mejta Maria Victoria nee' Zammit imwieled B'Kara fid- 9 ta' Mejju 1959 u**

**joqghod 13, Dar il-Hena, Triq Karm Sammut, B'Kara detentur tal-karta ta' l-identita' numru 330859(M)'**[5] gie kkunsidrat li:

*'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l- ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Lulju, 2010 (Numru: 154/2009)

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h. setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*.... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l- manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl- assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi. ....”*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi **“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza “Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi “quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza***

***asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l- affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi ghar-rigward ta'l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il- Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."'***

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus George**

**Manicolo'**[6] fejn gie kkunsidrat:

*"Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;*

*Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u fil-fatt ikunu induċew lill-vittma fi żball li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur;*

*Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa minn jagħmel użu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligħ għad-dannu ta' haddieħor;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) Vs Marjanu Zahra ta' 63 sena iben Guzeppi u Anna nee' Cutajar imwieled Birzebbugia fit-8 ta' Frar 1948 u joqghod "Margrace"**

6 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998

**15, Triq Angelo Borg, Qormi, detentur tal-karta ta'l-identita numru 211248(M)'**[7], gie kkunsidrat li:

'*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkometti ir-reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

F'dik is-sentenza[8], il-Qorti qieset:

'*Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta'*

---

[7] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-2 ta' Marzu, 2011 (Numru 327/2007).

[8] Fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) Vs Marjanu Zahra ta' 63 sena iben Guzeppi u Anna nee' Cutajar imwieled Birzebbugia fit-8 ta' Frar 1948 u joqghod "Margrace" 15, Triq Angelo Borg, Qormi, detentur tal-karta ta'l-identita numru 211248(M)** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-2 ta' Marzu, 2011 (Numru 327/2007)

*dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz irnexxielu jikseb fuel li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u dana ghad-dannu tal-Water Services Corporation li spiccaw kellhom ihallsu ghal fuel li ittiehed indebitament mill-imputat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi dana il-kaz ghandu il-fattispecje tar-reat tas-serq u dana peress illi l-imputat ma huwiex qed jiehu ad isaputa tas-sid l-oggett, izda qed jadopera mezzi u cioe' 'l hekk imsejjha artifizji sabiex jinganna u jiehu l-fuel li ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt fil-maggior parti taghhom jirrizulta illi l-vouchers ipprezentati mill-imputat kollha gew imhallsa mill-Korporazzjoni. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'l-artikolu 310(1) billi jirrizulta mill-atti illi l-ammont ta' fuel li ittiehed mill-imputat kien jeccedi l-elf lira maltin jew l-ammont ta' €2329.37.*[9] '

Is-sentenza fl-ismijiet **<u>'IL-Pulizija Vs Marjanu Zahra'</u>** giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Mejju, 2012.[10]

Ghalhekk jirrizulta ness bejn is-suggett attiv u passiv tar-reat, jirrizulta li l-appellant kien jaghti x'jifhem li huwa pilota u sahansitra meta mistoqsi minn Philip Attard jekk kienx pilota wiegeb fl-affermattiv. Jirrizulta ukoll li l-appellant ta' x'jifhem skont il-messaggi fuq il-messenger ta' facebook li kien ser jaghti l-lezzjonijiet sabiex ix-xhud Attard umbghad ippoggi ghall-ezami tal-ATPL. Jirrizulta li ghalkemm huwa ma kienx kwalifikat laqa' ghandu cekk ta' hames mitt ewro u dan sabiex jinbeda dan il-kors. Ma jistax jigi nnegat da parti tal-prosekuzzjoni li xehdu diversi studenti li kienu jmorru juzaw is-simulator tal-appellant u hadt minnhom ma qal li l-appellant kien talabhom xi flus jew li kienu hallsuh, anzi kellhom kliem ta' tifhir favur l-appellant. Ghalhekk minkejja li dawn ix-xhieda ukoll qalu li l-appellant kien qalilhom li kien pilota, din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti trid tiffoka fuq dak li sehh bejn l-appellant u Philip Attard li kien l-uniku xhud li hallas hames mitt ewro (€500) sabiex jibda dan il-kors. Ghalhekk il-pern ta' kollox huwa jekk l-appellant kellux l-intenzjoni doluza sabiex jiffroda lil Philip Attard.

Jirrizulta li c-cekk ma ssarafx u meta Philip Attard qallu li ma kienx behsibu jaghmel il-kors, l-appellant immedjatament qallu sabiex jirritorna d-dokumenti u sabiex jigbor ic-cekk. Cekk li Attard jghid li gabar lura u l-appellant jghid li Attard ma gabrux izda l-appellant ghalhekk qattghu. Kif qieset l-Ewwel Qorti dan huwa dettal u li stante li kien hemm stop payment fuq ic-

---

[9] Ara total tad-Dokumenti MZ12, MZ13, MZ11, MZ10 u MZ9 li kollha jirreferu ghal perijodu bejn Lulju u Settembru 2006 (Tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja (8) tas-sentenza citata)
[10] Appell Kriminali Numru: 139/2011

cekk in kwistjoni, gabarx jew le c-cekk lura Attard, ma jinfluwixxi bl-ebda mod fuq il-kredibilita ta' dan ix-xhud stante li huwa fatt inkontestat li l-appellant fl-ebda hin ma prova jsarraf dan ic-cekk.

Kif tajjeb qieset l-Ewwel Qorti ma giet esebita l-ebda korrispondena bejn l-appellant u l-European Pilot Academy dwar xi *query* rigwardanti l-eventwali registrazzjoni ta' Philip Attard ghal kors tal-ATPL. Jekk verament il-flus kienu sejrin jintuzaw bhala depozitu ghal mal-akkademja kif jallega l-appellant u jekk verament il-European Pilot Academy kienu tawh pakkett vantaggjuz, l-appellant kellu jgib prova ta' dan. L-appellant prezenta korrispondenza dwar studenti ohra u cioe' Dok DP1 a fol 394 fejn Emanuel Cardona kiteb permezz ta' email indirizzata lil numru ta' persuni '*The PPL Self Study Ground School Total Price is that of €1550 each student. Deposits of €500 for both students were paid by Mr Paris on 08/05/2014 by cash and receipts 1267 & 1268 were issued for this payment.*' u anke a fol 398 fid-dokument immarkat bhala Doc DP2 giet ipprezenata korrispondenza fejn Matthew Rota mill-European Pilot Academy kiteb lil-appellant fost affarijiet ohra li '*Should you have any students kindly keep me informed so that we can start filling up the class.*' A fol 400 tirrizulta ittra elettronika ohra minn Matthew Rota lejn jistaqsi '*We are going to be having a special Libyan class starting in mid-September would all the students be interested in this?*' Meta xehed Matthew Rota mill-European Pilot Academy fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjega li l-appellant kien jghid li ghandu studenti biex jaghmlu l-kors fl-iskola taghhom u cioe' tal-European Pilot Academy. Xehed li '*Ikellmu dirett lili lis-studenti u dejjem imexxu maghna bhala skola.*' u li '*Lis-studenti jiffontjaw maghna diretti.*' Cahad li jiehu l-flus l-appellant u jhallas hu lilhom. Xehed li '*jien kelli dirett ihallsu dirett lili.*' Meta muru Dok DP2 ikkonferma li kien hemm korrispondenza u li l-appellant kien ikellmu fuq xi studenti. Meta mistoqsi '*Ma kienx jigbor il-flus ghalihom u japplikalhom hu?*' wiegeb '*Ma niftakarx bic-car min kien ihallas, jien sa fejn naf jien lis-student dejjem ihallsu lilna.*' Mistoqsi '*Biex iggib, biex ikollok il-kwalifiki tal-ATPL kemm jiswa' l-kors jew dak iz-zmien kemm kien jiswa' ghax llum gholliet il-hajja?*' u wiegeb '*Nahseb l-istess ghadhom dawk.*' Xehed li '*Ghandek two (2) options, two three five zero (2,350) distance learning u four thousand four hundred (4,400) plus option*.' Ikkonferma li hames mija (500) huwa generalment kemm kienu jitolbu bhala depozitu biex jaghtuhom l-accettazzjoni tal-kors u kollox. Mistoqsi jekk jafx b'xi arrangament bejn misssieru, l-*istepfather* tieghu u David Paris jew jekk kien hemm xi komunikzzjoni, qal li sa fejn jaf hu le. Meta mistoqsi in kontro-ezami '*Issa rigward packages intom lil David Paris, inti personali qatt iddiskutejt xi packages mieghu jew offrejtlu xi*

*packages lilu personali?'* wiegeb '*Sa fejn niftakar jien le.*' Il-Kaptan Ray Zarb xehed fit-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn cahad li hemm konnessjoni bejn l-appellant mal-iskola. Mistoqsi in kontro-ezami '*Jigifieri intom bhala skola qatt m'offrejtu xi rata tajba ghal nies li jigu jpprezentati minn David Paris?*' wiegeb '*Not that I'm aware of. Ghax jiena d-divizjoni although li qieghed il-Head pero' jiena technical, technical air .... affarijiet hekk ma nkunx naf.*'

Anke jekk din il-Qorti kellha tikkunsidra d-dokumentazzjoni prezentata mill-appellant fejn jirrizulta li l-appellant kien f'xi waqt agixxa bhala forma ta' intermedjarju bejn skola u student u fejn setgha f'xi istanzi ghadda l-ammont tad-depozitu versu l-akkademja ghan-nom tal-istudenti, ma ngabet l-ebda prova li dan kien il-kaz fil-kaz ta' Philip Attard. Philip Attard ghadda c-cekk ta' hames mitt ewro (€500) bil-pretiza li l-appellant kien pilota u li kien kwalifikat u dan sabiex huwa jkun jista jaghmel il-kors tal-ATPL. Il-fatt li l-appellant qatt ma talab flus lil studenti biex juzaw is-simulator tieghu ma jfissirx li f'dan il-kaz ma kellux intenzjoni li jiffroda, *se mai* il-fatt li ma rrizultax li l-appellant talab lil persuni flus biex juzaw is-simulator huwa fatt li jista' jittiehed in konsiderazzjoni *ai fini* ta' piena. Ghalkemm il-kors in kwistjoni kien jiswa aktar minn kemm talbu l-appellant, jibqa' l-fatt li l-appellant ma kienx dak li ta' x'jifhem li hu u cioe' pilota tant li ma kellux kwalifiki biex jaghti dan il-kors. L-intenzjoni tal-appellant hija assodata bil-fatt li meta tela jixhed, huwa biddel il-verzjoni minn dak li huwa kien kiteb fic-chats prezentati u prova jghid li l-flus kienu ghal akkademja u bhal donnu huwa kien qieghed jagixxi bhala intermedjarju, fatt li ma jirrizultax fic-chat tramite messenger fuq facebook. Anke jekk din il-Qorti kellha tqis li d-dokumenti li l-appellant talab lil Attard biex jimla kienu genwini, huwa ma kellux il-kwalifiki biex jaghti dan il-kors. Il-fatt li c-cekk ma ssarafx u l-fatt li l-appellant ma kellu l-ebda oggezzjoni biex jaghti lura c-cekk lil Philip Attard huwa fatt li l-Qorti tista tikkunsidrah ukoll *ai fini* ta' piena izda ma jfissirx li l-appellant ma kellux l-intenzjoni li jiffroda. L-appellant jissottometti li irid jigi ippruvat li l-gidba tal-appellant waslet sabiex il-vittma sofriet telf patrimonjali. Dan gie ippruvat abbazi tal-fatt li hekk kif l-appellant talab l-ammont ta' hames mitt ewro (€500) bhala parti minn ammont mitlub mill-appellant minkejja li ma kellu l-ebda kwalifiki, ix-xhud Philip Attard sofra telf patrimonjali. Ir-raggieri huma kkonfermati mill-fatt li l-appellant mhux biss kien jaghti x'jifhem li huwa pilota izda kien anke jghid li sejjer jiftah skola, fatt iehor li setgha kkonvinca lix-xhud biex jafda l-appellant u jhallas sabiex jaghmel dan il-kors. Tant hu hekk li Philip Attard in kontro-ezami fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed li '*Umbghad kien qalli li kien bena xi skola u jista'*

*jkun assumejt li se jsiru hemmhekk, hux hekk.*' Mistoqsi x'qallu iegeb '*Li kien qed jibni xi skola u assumejt ili se ssir hemmhekk, hux hekk.*' ghalkemm jghid li ma qallux x'isimha l-iskola.

L-appellant jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu dwar il-principju legali '*in dubio pro reo*'. Din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti tqis li anke jekk l-appellant setgha ghamel gid ma' numru ta' studenti li kienu qeghdin jistudjaw l-avjazzjoni fi skejjel u li ma giex ippruvat li kien hemm aktar minn kaz wiehed fejn l-appellant ircieva flus bl-intiza li huwa jaghti tghalim ghalkemm mhux kwalifikat, dan il-fatt wahda ma jistax jinghad li johloq dubju. Il-Prosekuzzjoni irnexxielha tiprova sufficentement l-ewwel imputazzjoni u kien umbghad jinkombi fuq l-appellant sabiex jaghmel prova fuq bazi ta' probabilita' la darba l-appellant ddecieda li jitla' jixhed. L-appellant kellu jipprova li l-kors ma kienx ser jinghata minnu izda mill-European Pilot Academy, kellu ghalhekk iressaq korrispondenza li tikkonferma li l-appellant kien irnexxilu jgib il-prezzijiet li huwa kien ikkwota lix-xhud u li tikkonferma li l-kors kien ser jinghata minghand il-European Pilot Academy jew skola awtorizzata. Il-korrispondenza ta' bejn l-appellant u Attard titkellem wahedha, tant illi ghalkemm f'waqt minnhom jghid li '*I will try to put you in, will inf you by the end of the week, give you details what we start with, etc, also I will be informing <u>the company</u>, reg your request, and await for their feed back if we get a request for application with them, after finished your test next year.*' u ghalhekk mhijiex cara ghal liema kumpannija qieghed jirreferi, l-affarijiet jiccaraw ruhom meta l-appellant jibghat lil Philip Attard li '*I have decided to <u>take you in</u>, I am very tied with students, and their paper work, but I think we manage to cope. It will be slightly different story to me, as of age difference, but I am going to treat you like on of the others, were <u>I have to upper my voice</u>, as sometimes they don't listen, same goes with you, as I push for work to be done etc, <u>what we need to sort out is your days of attendance</u>, since you have work and family, most of the sections, are about 1hour half, when teaching on computer, for simulation, we always need hours, As regarding documents of every section, such as Pilot Law, navigation etc, we provide those, during the computer lesson on hydronic system, Fuel, etc you will be taking notes, as they will come up for exam, <u>I usually lead, by saying ... make a note of this, knowing exams questions</u>*

*If we can make this in this coming year, we will do ATPL, instrument rating on sim, Cpl and MCC. After this I will book you on a flight to experience the real thing, I will provide you with Transport Malta Doc to fill up, and register that you have taken the course, which I will also need two photo passport size. From our side, as expense, **<u>we will be charging</u>** 500 euros to register you, sections, sim and Gover,ent fees after six months you will pay, 300 euros and in the end of the year another 500 euros, for the last*

*sections of CPL, instrument rating, MCC.*

*I have given you the best package since you are so determined.*' F'messagg iehor jghid '*I teach in a way, that you will absorb things quicker*'. (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.) Dawn ic-chats fuq messenger ta' facebook ghalhekk jikkonfermaw li l-appellant ma kienx qieghed semplicement jagixxi ta' intermedjarju bejn skola u student fejn bazikament jigbor id-depozitu u jirregistrah ma skola, f'dan il-kaz jirrizulta li ha l-opportuntita' u meta Attard staqsieh dwar il-kors, iddecieda li jaccetta li jghallem dan il-kors minkejja li ma kellu ebda kwalifika biex jaghmel dan. Ghalhekk l-appellant mhux biss irrexta li huwa pilota meta ma kienx izda l-mod ta' kif prezenta ruhu anke fuq il-profil tal-facebook flimkien mal-gharfien tieghu fuq is-suggett wasal sabiex persuna kienet lesta biex thallas il-flus biex minghaliha taghmel dan il-kors mal-appellant.

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti fejn qieset li:

'*Illi fil-fatt ma giet esebita l-ebda korrispondenza bejn Paris u l-European Flight Academy*[11] *dwar xi query rigwardanti l-eventwali registrazzjoni ghall-kors tal-ATPL ghall-Attard li b'xi mod, sal-grad mistenni mid- difiza, kienet tipprova li l-flus kienu sejrin bhala depozitu ghal mal- akkademja kif jallega! Wisq anqas ma jirrizulta li talab xi deskrizzjoni tal-course structure ghall-ATPL jew staqsihom dwar il-hlas li student kien mistenni jhallas.*'

Din il-Qorti tenut kont ta' dak ikkunsidrat, tqis li ma ghandhiex tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti li kellha l-opportunita' tisma' lill-appellant jixhed *viva voce* u ghalhekk hadet kont tal-attagjament tal-appellant fuq il-pedana tax-xhieda u ghalhekk sejra tikkonferma s-sejbien ta' htija tal-ewwel imputazzjoni. L-appellant ma huwiex jappella mill-piena li wara kollox din il-Qorti tqis ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

---

[11] Din il-Qorti qed tifhem li l-Ewwel Qorti kienet qieghda tirreferi ghal 'European Pilot Academy' meta rreferiet ghal 'European Flight Acaademy'.

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur